2023

# IL-QARĊILLA

KITBA TA'
ĊIKKU L-POPLU



KITBA STRAORDINARJA TAŻ-ŻWIEĠ BEJN
IS-SINJORINA WARDA KANTA
U SEÑOR ALBERTO 'EL MORO' GARCIA

kif imniżżla quddiem in-Nutar Franġisk De BonBon

# IL-QREJĊA

L-ISTORJA MQANQLA TA' WARDA KANTA
KIF MIKTUBA MIR-RUMANZIER ĊELEBRI
FRANĠISK DE BONBON

LI NZERTA WKOLL NUTAR... MUR OBSOR!

**JIEĦDU SEHEM**

| | |
|---|---|
| Narratur | Franġisk de BonBon |
| L-Għarusa | Warda Kanta |
| Il-Qassis | Dun Rokku Bugatti / Ewġenju |
| Ix-Xufier | Joey 'Elvis' Sultana |
| Il-Konsulent | Danny 'it-Thriller' Bonnici |
| Il-Ministru | L-Onorevoli Kurt Agius Micallef |
| L-Infermiera | Rita Lina Borg |
| L-Organizzatriċi | Valerie Vassallo Vella |
| Il-Fattiga | Marju l-Karus |

**Narratur**

Merħba! Merħba maskarati
Ġewwa Spazju Kreattiv!
Idħlu, idħlu, qisu tagħkom,
Araw ftit kemm hawn nadif!

Sibu postkom, kunu komdi
Ħalli tgawdu fl-allegrija.
Maskarati, postkom isfel
In-nudisti – fil-gallarija.

Itfu l-mobiles. M'hemmx ritratti.
L-ebda ikel m'int se dduq.
U nfakkrukom fin-nudisti:
(Kieku ma nħarisx 'il fuq)

Belgħa ilma naċċettawha
Il-flixkun armuh bla ħsejjes
Tinkwetawx, niġbruhom aħna,
Forsi nifdu ftit l-ispejjeż.

Se ntarrfilkom storja mqanqla
U kulħadd żgur ser jiskanta!
Din hi l-ħajja tant imġarrba
Tal-imsejkna Warda Kanta!

Din il-ġrajja taf il-bidu
Fl-elf disa' mija u ħamsin
Meta f'lejl ta' ċpar u nida
Twieldet ħlejqa miċ-ċkejknin.

Kienet tifla waħdanija
Minn familja ferm sinjura
U semmewha Warda Kanta
Għax f'għajnejhom kienet fjura.

Forsi smajtu bil-proverbju
Hekk imtenni minn xi xiħ:
Jekk fin-nieqa int tkun ikrah
Meta tikber tkun sabiħ.

Iżda mhux din Warda Kanta
L-eċċezzjoni għal dal-qawl!
Hekk kif twieldet dlonk geżwruha,
Biex għammduha tfew id-dawl.

Afrodite, ġmiel l-Olimpu
Bl-ebda barka qatt ma mlietha
U kull ħlejqa beżgħet minnha,
Sal-Medusa ïpprendietha!

L-ebda anġlu minn tal-ġenna
Ma ta bidu għall-istorja,
Iżda kieku kellhom jidhru
Jgħannu hekk, flok jgħidu 'Glorja!'

***Ilħna minn ġewwa:***

*Kerha fit-tieqa,*
*Kerha fin-nieqa*
*Kerha filgħodu*
*U filgħaxija.*
*Kerha mimduda*
*Kerha bilwieqfa*
*Kerha mikxufa*
*Kerha mgħottija.*

*(Tidħol Warda Kanta, liebsa ta' tifla tal-iskola)*

**Warda**

Jiena tifla tal-kampanja
U l-iskola nħobb immur
Min jaf kemm ħa jkolli boyfriends
Xi namrat ikolli żgur!

**Narratur**

Għax l-iskola kienet tgħallmet
Li ïx-xagħat isir farfett,
U ċ-ċkejkna dejjem emmnet
Illi hi bħal dak l-insett.

Forsi issa mhux xi ħelwa
Iżda tikber u tisbieħ,
Għalkemm min jgħix biss bit-tama
Afli l-piena għad tifnih!

It-tfal ċkejkna innoċenti
Ma' kull ħlejqa jagħmlu ħbieb,
U kien hekk illi Ewġenju
Daħal f'nassa mingħajr ħsieb.

*(Jidħol Ewġenju… li 'l quddiem jilħaq Dun Rokku)*

**Ewġenju**
Warda Kanta trid nilagħbu?
Trid taparsi jien il-pa?

**Warda**
Iva! Iva! Din hi darna,
U jien noqgħod il-mamà!

**Narratur**
U hekk kien li Warda Kanta
Sabiex tilgħab poġġiet ħdejh,
U kkupjat 'l ommha u missierha,
Faqqgħet bewsa fuq xufftejh.

X'għawġ u niket hu ħass fuqu!
X'togħma morra bdiet timlieh!
Hekk kif ra 'ïl dik il-kruha
B'ħeġġa u qilla tleħħ għalih!

U kif raw dil-pantomima
It-tfal kollha għalenija
Niżlu b'ġirja waħda ħdejhom,
B'ħanġra jgħannu b'tant kefrija:

***Ilħna minn ġewwa:***
*Kerha fit-tieqa,*
*Kerha fin-nieqa, eċċ.*

**Narratur**
Povr'Ewġenju, povru tfajjel!
Irġulitu ħass titbiel
L-ewwel togħma tal-imħabba
Kienet morra bħall-brunġiel.

U minn hemm bdiet triq imwiegħra
Ta' ġibdiet u devozzjoni
Tat-tqanqil jaħraq tal-ġisem
U ċ-ċanfir tal-vokazzjoni.

U kull meta kien jipprova
Jitlaq ġismu għax-xewqat,
Kienet tiġi dik ix-xbieha
Ta' wiċċ Warda tturufnat.

*(Warda issa tidher ta' tfajla, xagħarha fl-istil tas-sittinijiet)*

Għadda ż-żmien u Warda kibret
Saret tfajla bħall-oħrajn
U sa fl-aħħar hi bdiet twarrad
Iżda le ma tolqot l-għajn.

Għaliex ħbieb, ippermettuli
Mhux kull fjura hija warda,
U l-blanzun ta' Warda Kanta
Iktar jixbah il-pastarda.

Iż-żgħorija taf tkun ħelwa
Iżd'għal Warda kienet gaffa,
Waqt li sħabha tawh'għan-namra
Warda baqgħet fuq l-ixkaffa.

Warda Kanta le ma tnikktet
Ma kenitx tfajla baħnana
Sakemm darba tilfet rasha
Wara ċertu Joe Sultana.

Dana Joe kien ġuvni sbejjaħ
Li lil Elvis kien jadura
U kull tfajla kienet tħobbu
U malajr iħobbhom lura.

Darba waħda għamlulu mħatra
U bejn sħabu ġabru l-flus:
Żewġ xelini u tliet soldi
Jekk lil Warda huwa jbus.

**Joey** Warda baby, ejja miegħi
Naraw film? Xi passiġġata?

**Warda** Iva qalbi mmorru t-tokis
Aħħ! Kemm jiena ïxxurtjata!

**Narratur**

Dakinhar tant kien hemm folla
Illi ġabu l-pulizija
Is-sidien bdew anke jibżgħu
Illi ċċedi l-gallarija!

F'nofs is-sala ïppakkjata,
Warda u Joey hemm bilqiegħda,
U kulħadd jistenna b'ħrara
Dik il-bewsa hekk imwiegħda.

Fuq liżar dehret Liz Taylor
Fir-rwol kbir ta' Kleopatra
U kif biesha Richard Burton
Joey wkoll wettaq l-imħatra.

Ġewwa t-tokis pandemonju
Warda xegħlet qisha feġġa
U ïl-kotra qamet f'daqqa
U bdiet tgħanni bl-akbar ħeġġa:

***Ilħna minn ġewwa:***

*Kerha fit-tieqa,*
*Kerha fin-nieqa, eċċ.*

**Marju**

Aw sinjuri, tiħdux qatgħa
Għax de BonBon sarlu l-ħin
Haw' bejnietna, ħarab waħda;
Mar ibandal ix-xadin.

Sadattant inkompli jiena:
Jiena Marju, il-Karus.
Għax kulħadd ibattal fija
U ifhmuni: mhux il-flus!

Mela Warda spiċċat orfni
U werrieta waħdanija
Ħadet f'idha ïn-negozju,
Kienet bieżla u għaqlija.

U kien hemm illi ltaqgħet
Mal-ġuvnott Daniel Bonnici
U bdiet storja oħra mqanqla
B'riżultati infeliċi.

Kien’ jgħidulu Danny t-Thriller,
Għoxrin sena iżgħar minnha,
Meta hu sar jaf ’il Warda
Kienet ġa tilfet xi sinna.

Danny kien iħobb iġerri
Xi Ford Escort jew Cortina
Dejjem liebes skont il-moda
M’għonqu dejjem xi katina.

Iżda x-xogħol ma kienx iħobbu
Għax fil-lussu huwa trabba
Għalhekk flok intefa jaħdem
Huwa ’nvesta sew fl-imħabba.

Meta sema’ b’Warda Kanta
Li hi xebba u tal-flus,
Beda jfassal pjan ġo moħħu
Sabiex tagħha jkun l-għarus.

Kelma waħda ġġib ’il oħra
Biex għabbieha ma tantx dam,
L-importanti li jiltaqgħu
F’post imwarrab u mudlam.

Kien qalilha x-xemx iddejqu,
Għaliex kellu l-ġilda fina,
U jekk qatt wassalha f’darha,
Kien fil-but tal-Ford Cortina.

U f’lejl iswed mingħajr qamar
Fl-aħħar irnexxielu jbusha,
Kif irkupra minn dit-trawma,
Hu talabha tkun l-għarusa.

Hi stqarritlu illi tħobbu,
Hu qabadha sew minn qaddha,
U bil-ħsieb ta’ flusha f’moħħu
Wiċċha difen ġol-imħadda.

Iżda f'Malta m'hemmx sigrieti
U malajr xtered l-għajdut.
Danny ma kienx lest li jsofri
Dik is-sura sa ma jmut!

Danny kellu bżonn xogħol tajjeb
Sabiex jeħles mit-turment.
Kellem waħda lill-Ministru
U malajr sar konsulent!

Kif sab ruħu b'paga tajba
Beda jitlef il-paċenzja,
Għodwa waħda ġġieldu ġlieda,
U lil Warda taha[1] s-sensja.

Warda kellha qalbha trietaq
U bdiet tħossha ftit storduta
U fid-dlam, bid-dmugħ iġelben,
Ftakret f'dik l-għanja misħuta

***Ilħna minn ġewwa:*** *Kerha fit-tieqa,*
*Kerha fin-nieqa, eċċ.*

*(In-Narratur jerġa' lura)*

**Marju** Aw Nutar, serraħtu sewwa?
Il-ġarretta kienet ċoff?

**Narratur** Int mur f'postok, ja ħamallu,
Kemm int jaqq, u kemm int goff!

*(ibiddel it-ton)*

Warda Kanta issa kibret
Irtirat mill-kumpanija
Ġabet waħda ïddur biha
U twennisha fix-xjuħija.

---

[1] 'taha' tinqara 'taħħa', pronunzja skorretta li hi komuni fid-diskors ta' kuljum.

L-aġenzija kienet wiegħdet
Xi Indjan jew Filippina
U minflok issib ma' wiċċha
L-għażż suprem ta' Rita Lina.

*(Warda Kanta bilqiegħda)*

**Rita Lina** Warda, qum, hawn il-Ministru!
Naħseb ġie b'rigal tat-tieġ!

**Warda** Billi jsibni sormi barra,
Dak imdorri jara l-ħmieġ!

*(Jidħol il-Ministru mgħaġġel)*

**Ministru** Poġġu! Poġġu! Tistgħu tpoġġu
M'hemmx għalfejn tqumu għalija
Tafu li għalkemm Ministru
L-iffanfrar ma jagħmilx bija.

Warda *(lil Rita Lina… tikser ir-rima)*

Dan bis-serjetà?

**Ministru** Warda Kanta, x'int sabiħa
Kif timlieni… emozzjoni!

**Warda** U aqtagħha, dal-kliem żejjed
Mhux ġa tajtek donazzjoni?

**Narratur** Kurt Micallef nafu sewwa
Konna Liġi t-tnejn flimkien
Għax missieru hu ïmħallef
Hu ïggradwa f'qasir żmien.

Għalkemm għadu t'età żgħira
Huwa mimli bl-ambizzjoni
U ma tantx kellu wisq skrupli
Għal xi vot jew donazzjoni.

Hu ta' spiss iżur lil Warda
U hi tħallsu tar-rispett,
U kultant b'tant sagrifiċċju
Kien jgħarrxilha ïl-farfett.

Iżda llum ma ġiex ifittex
X'għandha Warda taħt il-ħwejjeġ,
Għax fir-raħal ġriet ix-xniegħa
Illi Warda ser ittejjeġ!

**Ministru** Warda Kanta, x'qiegħed nisma'
Vera li ser jifirduna?

**Warda** Sewwa smajt, ġew u ħatfuni!

**Rita Lina** O Mulej tini l-għajnuna…

**Narratur** Din l-aħbar xejn ma għoġbitu
U ħakmitu qisha mewġa,
Għax il-flus li kien joħdilha,
Issa jmorru għal għand żewġha.

Għaliex Warda fi xjuħitha,
Daret għat-teknoloġija
U bdiet tfittex għall-imħabba
B'dating app ġdida Maltija.

Għal min forsi jrid jipprova
Dina l-app jisimha Stanga
Qiegħda hemm għal min ifittex
Daqsxejn dgħif jew biċċa ċanga.

Hemm iltaqgħet ma' Alberto
Artist fqir mill-Arġentina
Hi tgħajjatlu 'mi chicito'
Hu jweġibha: 'Mi Reina!'

Wara xahar ta' mħabba mbiegħda
(Iżda xorta waħd'attiva),
Dan Alberto pproponielha
U dlonk Warda qalet 'iva'.

**Warda**

Rita Lina, iftaħ waħda,
Għaliex daqqet il-qanpiena
Naħseb ġiet ïl-wedding planner
U ħa ssibni nofsn'għarwiena.

*(Tidħol Valerie)*

**Valerie**

Jiena Valerie Vassallo Vella
Wedding Planner għall-għarusa

**Rita Lina**

E mel'inti, x'qatgħa tajtni!
Ħsibtha daħlet xi qattusa…

*(Valerie ddur ma' Warda Kanta)*

**Valerie**

Oh how sweet, a vintage wedding
I just love a good antique!
Ħalli f'idi, you'll be gorgeous.

**Rita Lina**

Kemm tgħawwiġ, x'ħass ħażin fik!

**Narratur**

U hekk hu, għeżież sinjuri
Din il-ġrajja ïntemmilkom
Minn qiegħ qalbi ħajr nagħtikom,
U minn hawn jien insellmilkom.

Iżda dan mhux tmiem il-ġrajja:
Dar-rakkont maħdum bizzilla
Jilħaq hekk il-qofol tiegħu
F'din in-naqra ta' Qarċilla.

U kif Warda tlesti ruħha
F'awlillejl matrimonjali
Terġa' tidwi ġo widnejha
Dik il-għanja infernali:

***Ilħna minn ġewwa***

*Kerha fit-tieqa,*
*Kerha fin-nieqa, eċċ.*

*(Issegwi l-Qarċilla)*

**TMIEM**

# IL-QARĊILLA

**JIEĦDU SEHEM**

| | |
|---|---|
| Nutar | Franġisk de BonBon |
| L-Għarusa | Warda Kanta |
| Il-Qassis | Dun Rokku Bugatti / Ewġenju |
| Ix-Xufier | Joey 'Elvis' Sultana |
| Il-Konsulent | Danny 'it-Thriller' Bonnici |
| Il-Ministru | L-Onorevoli Kurt Agius Micallef |
| L-Infermiera | Rita Lina Borg |
| L-Organizzatriċi | Valerie Vassallo Vella |
| Il-Fattiga | Marju l-Karus |

*(In-Nutar jinsab waħdu wara mejda)*

**Nutar**

Għeżież ħuti, ħbieb sploduti
Sewwasew, hekk hu, jewwilla
In-Nutar Franġisk de BonBon
Jagħti bidu għall-Qarċilla!

Hawn miġbura f'dil-ġurnata
Fost il-briju u l-allegrija
Ejjew duru ftit madwarna
Għal daż-żwieġ a la Maltija!

*(Malli jkun ħa jibda, tidħol fin-nofs Valerie)*

**Valerie**

Oh my God! There's so much traffic
Wisq ċiklisti u muturi!
Domt nofs siegħa biex sibt parking…
Well, hold on, where are the fjuri?[1]

**Nutar**

Int min inti? Xi fjuri huma?
Din mhix sala tax-xalar
Dan imkien mill-aktar serju
Hawn qegħdin għand in-nutar!

**Valerie**

Jiena Valerie Vassallo Vella
Wedding Planner għas-sinjura
I just checked the wedding journal
And she has to have the fjura.

Marju! Marju! Where's my Marju?
He had to get me the ċurketti…
Marju! Marju! Isa, ħaffef!
Come and get me the bukketti!

*(Jidħol Marju b'bukkett fjuri enormi, bilkemm jiflaħ iqandlu, u hi tikkmandah fejn tridu. Sakemm jitkellem in-Nutar, dan il-bukkett mhux ħlief tpoġġihulu fin-nofs u tgħattih)*

---

[1] Valerie titkellem b'taħlita ta' Malti u Ingliż, Minglish.

**Marju** Aw Sinjura, x'bukkett għandek
Kemm fih weraq u petali!
Jekk tagħmillu strippa f'nofsu
Itkun qisek qed Ta' Qali!

**Nutar** Ċapċpu! Ċapċpu! Għax hekk jixraq,
Ejja ngħannu erba' noti,
Għax bħal donnu rajt l-għarusa
B'velu jkaxkar, b'erba' roti!

Nitolbukom ftit prudenza
Għax illum b'xejn ma tiskanta;
Nilqgħu fostna b'ferħ u hena
Lill-għarusa Warda Kanta!

*(Tidħol Warda Kanta bil-velu fuq wiċċha, fuq siġġu tar-roti imbuttat mill-Infermiera Rita Lina. Warda Kanta ma tridx toqgħod fuq is-siġġu u qed tiġġieled mal-Infermiera. Warajha jidħlu Joey u Danny)*

**Għarusa** Aw żagħżugħ, ejja ħa ngħannqek!
Ara kif ġejja bil-ġirja!

*(Iddur fuq l-Infermiera)*

Int ħa ddum timbotta fija?
Mela jien xi trolley b'xirja?

**Rita Lina** Isma', ħi, qed nagħmel xogħli
It-tabib qallek tistrieħ!

**Għarusa** Mhux aħjar ġie hu jserraħni?
Jekk irid, jien inħallih!

*(Valerie toħroġ ippanikjata)*

**Valerie** Oh my God, where's the tapitu?
No red carpet għas-sinjura!
Marju! Marju! Fejn ħarabli?
X'waħda din kemm qegħdin lura!

*(Jidħol Marju b'tapit kbir irrumblat, u jipprova jifirxu iżda kull darba jeħel xi mkien)*

**Marju** Haw' Miss Valerie, x'tapit għandek
Artab fin qisu bellus
Iżda haw', kelma ta' raġel
Għandu bżonn daqqtejn ta' mus!

**Għarusa** Ar'hemm, żul! Kif xbajt bilqiegħda,
Ejja qalbi kemm se ddum!
Daqqtejn pinna, grokk u pasta,
Imbagħad dritt għall-honeymoon.

**Rita Lina** Tinsiex x'qal l-ispeċjalista
M'għadekx tiflaħ għall-waqfien.

**Għarusa** U tibżax se nisma' minnu
Ser nimtedd għal tmint ijiem!

## RIMA 1

L-għarusa mhux xi ġmiel
Ma rridx inkun giddieb
Tħarsux biss lejn il-qoxra
Għax il-qoxra mhux il-ktieb.

Għajnejha mżellġin
M'hemmx ħmura fil-wardiet,
U kollox ftit imdendel
Qisha siġra tal-Milied.

**Nutar** Warda Kanta, hux hekk jismek?

**Għarusa** Iva love, kollni kemm jien!

**Nutar** Ma tgħidlix ftit minn fejn inti?
Kif ukoll kemm għandek żmien?

**Għarusa** Jiena tifla tal-kampanja
Għomri u żmieni ġo Ħal Buni
Sebgħin sena tondi tondi,
Iżda għadhom iriduni!

*(In-Nutar iħares lejn l-Infermiera)*

**Nutar** Tista' tgħin ftit lill-għarusa
Għaliex wiċċha mhux jidhrilha.

**Rita Lina** Ma tarax! Mela dak xogħli!
Wiċċha jonqos li nikxfilha!

*(Valerie tidħol fin-nofs)*

**Valerie** Yes of course! We need a bridesmaid
Marju! Marju! Please, where are you?
Take the velu off l-għarusa
So we start the ċerimonju

**Rita Lina** Il-kuruna għal mal-velu
Ġibtha miegħek? Jew insejtha?

**Għarusa** Isma', ħi, vera li xiħa
Iżda għadni m'iniex mejta!

*(Joħroġ Marju liebes ta' bridesmaid imma mħarbex)*

**Marju** Haw' Sinjura, ġej, sekonda,
Għax kont qed infittex mera.
Ara ġej, ħa nikxef kollox…

*(Jikxef wiċċ Warda Kanta u jinħasad)*

Il-perlini kemm int kerha!

*(Pawża)*

**Nutar** Sewwasew, ejjew inkomplu
Għax l-għarus daqt narawh magħna.
Fejn hi l-banda bil-maestro
Ħa tnessina u tallegrana?

## RIMA 2

L-għajnejn mera tal-qalb
Il-qalb m'għandhiex għajnejn
L-imħabba hija għamja:
Kieku kulħadd jibqa' b'xejn!

Hawn min iħobbu nej,
Hawn min iħobb' misjur,
Il-baqra tinbiegħ kollha
U xi ħadd isir sinjur!

**Nutar** Grazzi! Grazzi lid-daqqaqa!
Verament… xi ħlew ta' għanja.

Sewwa jgħidu ïl-poeti
Li l-imħabba hija għamja!

**Għarusa** Isma', ħi, xi trid tgħid biha?
Vera wiċċi mhux xi gost,
Iżda l-bqija kollox jaħdem,
Kollox għadu fejn suppost!

Għalkemm leħni ftit iżarżar,
M'għandi xejn li hu ïmnawwar
Għax jekk l-għajn xi ftit imdardra
In-nixxiegħa għadha tfawwar.

Dejjem kelli min iridni
Għax jien mara naf inħobb
Iżda meta ġejt għar-rabta
Dejjem tfaċċa xi intopp!

Iżda fl-aħħar sibt ix-xorti
Ġuvni ismar u gustuż!

**Nutar** Fil-fatt ridt insaqsik fejn hu,
Għaliex għad ma rajtx għarus!

**Għarusa** Bertu tiegħi abbli ddawwar
Għax dak joqgħod l-Arġentina.
Għandu vjaġġ ta' tnax-il siegħa
Hux hekk qalli, Rita Lina?

**Rita Lina** U fejn nafu 'l Bertu tiegħek!
Naf li jekk hu ġej b'titjira
Jasal qabel milli kieku
Kellu jsuq mill-Belt sal-Gżira

**Nutar** U dan Bertu, x'tgħidli fuqu?
Għandek ftit informazzjoni?
Minn fejn hu, età, u xogħlu
Għax hemm bżonn reġistrazzjoni.

**Għarusa** Nistħi ngħid, ftit iżgħar minni,
Għadu kif jagħlaq tletin.

**Nutar** Tletin sena iżgħar minnek?

**Għarusa** Le, tletin sena magħluqin!

**Marju** Vera l-baqra tinbiegħ kollha
Iżda din wisq, ank'għalija!

**Rita Lina** Mhux ta' b'xejn iż-żwieġ tas-seklu
Għax bejniethom jgħaqqdu l-mija!

**Nutar** Sinjorina, ippermettili,
Taħsibnix impertinenti
Iżda ċerta li dan Bertu
Ma jridekx għad-dokumenti?

**Għarusa** Le, jaħasra, Bertu jħobbni
U ïġibli ïr-rispett.
Bgħattlu waħda mitt elf ewro
Ħalli jħallas il-biljett.

*(Jaqa' skiet skomdu)*

## RIMA 3

L-imħabba mhux kuntratt
Iż-żwieġ hu ħsieb profond
Nurik illi ïnħobbok
Jekk int turini l-kont.

Prinċipji ma fadalx
Valuri bla valur,
Għal ewro nagħmel kollox
Basta r-rota tibqa' ddur.

**Nutar** Grazzi! Grazzi! Rima ħelwa
Interludju mużikali!
Sakemm jasal, sejħu x-xhieda
Sabiex jagħtu ïr-rigali.

(Jidħol il-Ministru mgħaġġel b'bagalja ħamra b'BUDGIE miktuba fuqha)

**Ministru** Poġġu! Poġġu! Tistgħu tpoġġu
M'hemmx għalfejn tqumu għalija
Tafu li għalkemm Ministru
L-iffanfrar ma jagħmilx bija.

**Nutar** Merħba fostna Onorev'li
Din hi verament sorpriża
Ma kontx naf illi int parti
Minn din-nitfa intrapriża.

**Ministru** Jiena ġejt għax lil dil-koppja
Xtaqt nuriha ïr-rispett
(U xi ħadd ġie jinfurmani
Li l-għarusa mid-distrett).

**Nutar** Merħba bik fil-festin tagħna
Taf li aħna ïlkoll miegħek!
Ma tgħidlix eżatti x'jismek,
U ïd-dekasteru tiegħek?

**Ministru**
Kif ma tafx? Qgħadtli parrinu!
Jiena Kurt Agius Micallef!

**Nutar**
Eee dażgur li qed niftakrek!
Int it-tifel tal-imħallef!

Iżda ommok mhux Agius,
Jista' jkun illi xi żvista?

**Ministru**
Le, dak żidtu fl-elezzjoni
Ħalli nkun l-ewwel fil-lista!

**Nutar**
U fakkarni l-Ministeru
Għax iss'għadda ftit taż-żmien.

**Ministru**
Lanqas hekk m'għadek tiftakar?
Jien Ministru għat-Telfien

**Nutar**
Sur Ministru, ippermettili
Iżda jekk niftakar sewwa
Jekk ir-rebħa hi sabiħa
It-Telfien ma jiġix dnewwa?

**Ministru**
It-Telfien mhux fl-elezzjoni
Iżda bħala distrazzjoni
Sabiex wara xi bawxata
Nidhru li ħadna azzjoni;

Meta nagħmlu xi paprata
U jkun ovvja l'għandna tort
Inżerżqulkom xi karrotta
Bħall-ħaxixa jew l-abort.

Strateġiji u dokumenti
Ċerimonji u ċekkijiet
Sabiex aħna ngħattu xturna
U tedhew fil-ħmerijiet.

Jien ma rridx illi ntellifkom
Naf li ġejtkom għal għarrieda,
U jekk jiena smajtek sewwa
Kont se ssejjaħ hawn lix-xhieda.

**Nutar** Hawn quddiemi jien insejjaħ
L-ewwel xhud, is-Sur Sultana
Nistednuk tistqarr quddiemna:
Int kif taf lil Warda tagħna?

*(Jidħol Joey 'Elvis', liebes bħal Elvis, bil-mossi b'kollox)*

**Joey** Jien kantant, jien Joey Elvis,
Rockstar kbir, żeffien ta' veru.
Mal-ġurnata ndur bit-taxi
U xufier mal-Ministeru!

**Ministru** Ara Joey! X'gost qed nieħu
Għadek tkanta l-Jailhouse Rock?

**Joey** Mhux lil sħabek Sur Ministru
Għax inkella ntihom xokk!

*(Jidħqu u jitgħannqu bl-akbar konvivjalità)*

**Nutar** Ma nixtieqx li ninterrompi
Did-daqsxejn ta' riunjoni
Mhux aħjar illi inħaffu
Forsi nsibu konklużjoni!

**Joey** Għalkemm Warda tant riditni
Qatt ma ħadmet sew il-biċċa,
Għax jekk butha iħajjarni
Qatt ma stajt nidra lil wiċċha.

*(Idur lejn l-għarusa)*

Warda Kanta, fjura mnixxfa,
Int pastarda qalb il-basal!
Lanqas qatt ħadd ma kien jobsor
Li dal-jum xi darba jasal!

**Għarusa** Uuu żagħżugħ, niftakrek sewwa
Kemm-il mossa kont urejtni
'All Shook Up' u 'In the Ghetto',
Għedtli, 'Love Me', imbagħad insejtni!

**Joey** U kif nista' ninsa 'l wiċċek
Għajn bħal bajtra, għajn bħal lewża!
Kemm-il darba tajtek rikba…

**Għarusa** U mhux biss, anke xi bewsa!

*(Kulħadd iħoss l-istonku tiela')*

Kemm kont nedha nirkeb miegħek!

**Joey** Min jaf kemm battaltli t-tank…

**Għarusa** Jiena ridt l-imħabba tiegħek!

**Joey** Jiena ridt il-kont tal-bank!

**Nutar** Sentimenti tassew nobbli
Vera mħabba eżemplari
Iżda mhux aħjar immexxu
U turina ïr-rigali?

**Joey** Naf li inti mara b'saħħtek
Tħobb tiġġerra bla serħan
Sabiex tkun indipendenti
Hawn liċenzja tas-sewqan!

**Nutar** Mhux għax jien irrid nindaħal,
Warda qabżet is-sebgħin.
Ma taħsibx illi liċenzja
Tagħti xi daqsxejn fil-għajn?

**Joey** Tinkwetax, ngħaddilha kelma
Il-Ministru dejjem jgħin;
Ara kemm tajna liċenzji
Waħda oħra mal-oħrajn!

## RIMA 4

Pjaċiri mal-lemin
Pjaċiri max-xellug
Pjaċiri fuq pjaċiri
Tina l-vot ħalli npaxxuk.

Il-loqma li tajniek
Mhijiex ser taqta' l-ġuħ
Iż-żejjed fil-platt tagħna
Nippreferu li narmuh.

| | |
|---|---|
| **Nutar** | Issa jmiss lis-Sur Bonnici<br>Sabiex jagħmel intervent<br>Kull filgħodu jirreġistra<br>U flgħaxija konsulent. |

*(Jidħol Danny, liebes bħal Michael Jackson, bil-mossi b'kollox)*

| | |
|---|---|
| Danny | Jiena Danny, Danny it-Thriller<br>Ħajti cool, u ħajti fast!<br>Meta ma nkunx qed inkanta<br>Jiena jien Person of T(h)rust. |
| **Ministru** | Ara Danny! |
| **Danny** | Awww Ministru! |
| **Ministru** | Kollox sew? |
| **Danny** | Uuu ħadida!! |
| **Ministru** | Meta ġej dawra bid-dgħajsa?<br>Għadni kif xtrajt waħda ġdida |
| **Nutar** | Taf ukoll lis-Sur Bonnici? |
| **Ministru** | Ħabib tiegħi mill-kbar nett! |
| **Nutar** | U bħal Joey impjegat miegħek? |

**Ministru** U nzertaw fl-istess distrett!

**Danny** Jien ma' Warda kont ninnamra
Għax id-dieher ma jagħmilx bija
Mhux il-wiċċ jew il-figura
Iżda l-but…u s-simpatija.

*(Idur fuq l-għarusa)*

Kemm kont ħelwa ġbejna tiegħi
Xagħrek twil, lixx u maħlul,
Jien kont xtrajtlek flixkun fwieħa
U int xtrajtli dar bil-pool.

Iżda fl-aħħar kelli nċedi
U lil Warda ïnħalliha.
U għalkemm ma ħadthiex b'marti
Ħadt id-dar u ta' ġo fiha.

**Għarusa** Uuu żagħżugħ, niftakrek sewwa
Inti dak li 'Rocked My World'
Għedtlek 'qalbi', għedtli 'Beat it'
Ħadtli flusi u sparixxejt!

**Danny** U kif nista' ninsa lilek
Dirty Di! My Billie Jean!
Iżda ħeqq, int ikbar minni
Kemm hu kiefer id-destin!

**Għarusa** Qabel ma kinitx problema

**Danny** Kien żmien ieħor… għamilt żball.

**Għarusa** Xejn ma kont issoffli l-għenba

**Danny** Ridt l-inbid, u sibt il-ħall…

**Għarusa** Ara Bertu mhux hekk jgħidli
Jgħidli għadni 'muy caliente'
U dan mara bħal spagetta
Dejjem tajjeb tkun al dente.

*(Kulħadd jerġa' jħoss l-istonku tiela')*

**Nutar**
U x'rigal lest illi ttiha?
Xi dar kbira ïl-Mellieħa?
Jew ħa ġġedded il-memorji
U tagħtiha flixkun fwieħa?

**Danny**
Jiena għandi biċċa arti
Pedestall kollu skultura
Sibtu mormi f'ġnien ta' ħdejja
Sidu żgur ma jridux lura

**Għarusa**
Ooo żagħżugħ, xi ġmiel ta' ġebla!
Bajda tleqq bħall-alabastru!
Bqajt tiftakar hux, ja xidja
Illi nħobbu ïl-pilastru!

Ta' dan kollu jien naħfirlek
Ejja nieħu ritratt miegħek!

**Ministru**
Dik il-ġebla… donni rajtha!

**Danny**
U dażgur – dik mill-ġnien tiegħek!

*(Valerie terġa' tidħol ippanikjata)*

**Valerie**
Oh my God, where's tar-ritratti?
I've been waiting for a siegħa!

**Rita Lina**
Din ħa ddum tgħawweġ ilsienha
Qisha belgħet xi lumija.

*(Joħroġ Marju bil-kamera u t-trepied)*

**Marju**
Hawn xi ħadd irid xi ġibda?
Ejja Lily, ippużali.
Niġbidhulek allavolja
Nibża' wisq li jisfaldali.

## RIMA 5

Ritratti fis-salott
Ritratti fuq il-bejt
Ritratti fid-dar t'ommi
Ajma dahri kif għajejt.

Nedhew fil-ħmerijiet
Għax ma fadlilna xejn,
Għalfejn toqgħod bil-għaqal
Biex tgħix ħajtek kollha dejn?

**Nutar** Smajna x-xhieda, smajna l-banda
U l-kitba kważi lesta.
Dan l-għarus, xi ħadd jaf fejn hu?
Jew imwaħħal f'nofs xi festa?

**Dun Rokku** Sur De BonBon, fadal jiena
Kelmtejn żgħar, dejjem jekk nista'...

**Nutar** Int min int? Fejn taf l-għarajjes?
M'intx imniżżel hawn mal-lista!

**Dun Rokku** Jien Dun Rokku, bniedem t'Alla
Kappillan ġewwa Ħal Buni
Ħajti ngħin lil min hu fqajjar
Allavolja… idejquni.

**Ministru** Issa bħalek, sieq fil-qabar
Liem għajnuna tista' tagħti?

**Dun Rokku** Nagħti l-faraġ lill-imnikket
U serħan lil min ibati.

**Ministru** Min hu mġewwaħ?

**Dun Rokku** Intih jiekol.

**Ministru** Min hu bl-għatx?

**Dun Rokku** Jiena nisqih.

**Ministru** Min hu waħdu?

**Dun Rokku** Inċempillu.

**Ministru** U jekk hu mneżżaʼ?

**Dun Rokku** Inħallih…

Jien l-għarusa nafha sewwa
Għaliex kbirna t-tnejn flimkien
Għad niftakar qisu lbieraħ
Għalkemm għadda ħafna żmien.

Darba waħda għal għarrieda
Tatni bewsa fuq xufftejja
F'dak il-waqt li rajt suritha,
Indunajt x'għamilt b'idejja.

Dik it-trawma tal-imħabba
Bqajt inġorrha bħala piż
Ma kellix triq oħra x'nieħu
Ħlief li jien nidħol qassis.

U hekk ħlift li qatt ma nerġaʼ
Ngħaddi minn trawma bħal din,
U jekk irrid nara ġisem
Narah biss minn fuq xi skrin.

**Għarusa** U dażgur niftakrek sewwa
Konna tfal, kont noqgħod ħdejk.
U kien fuq il-bejt taʼ ommi
Meta jiena doqt xufftejk!

Vera forsi m'iniex ħelwa
Iżda lanqas m'jien maħmuġa
Naqra fwieħa, u tbaħbiħa
U nkun qisni…

**Dun Rokku** …Birżebbuġa!

**Nutar** Storja ħelwa, kommoventi
Iżda beda ġej il-ġuħ
Mhux aħjar tagħti r-rigali
Forsi fl-aħħar inlestuh?

**Dun Rokku** Jiena naf li d-dinja saħnet
U xtaqt noffri xi ftit wens,
Ħu dal-fann ħalli jrewwaħlek
Xtrajtu minn fuq l-Only Fans!

## RIMA 6

Jien f'Alla ma nemminx
Għax dak ma rajtu qatt;
Biex nemmen irrid nara,
Għax illum ma tafda 'l ħadd..

Il-Ħadd ma mmurx quddies
Għax dak ħela ta' ħin
Minflok naħdmu jew nonfqu
Aħħ kemm aħna meħlusin!

**Nutar** Sinjorina, ma rridx ngħaġġlek,
Iżda l-ġuħ qiegħed jifnini.
Hemm xi ċans li sakemm jiġi
Nieħdu mqar erba' pastini!

**Valerie** Oh my God, where are the waiters?
The hors d'oeuvres, and vol-au-vents?
Canapes, Angels on Horseback
And pastizzi and mini buns.

*(Joħroġ Marju b'ċoff u gabarrè bl-ikel)*

**Marju** Ara Madam, kollox ħriġtlek
Sal-pastizzi sħan, tajbin!
U jekk trid xi naqra horseback
Sibni wara dal-festin.

*(Rita Lina qed tgħin lill-għarusa tiekol)*

**Rita Lina** Iva żomm, għax għamilt mandra
Tini ċans ħa nsiblek platt.
Li hu iebes, obżqu 'l barra.

**Għarusa** Nibla' dejjem! Nobżoq qatt!

**Nutar** Dan l-għarus nafu fejn qiegħed?
Daqt nibagħtu jmur jixxejjer.

**Valerie** Well, his phone qed imur voicemail.

**Nutar** Tgħidli qalbi baqa' sejjer!

**Rita Lina** Isma', ħi, qabel inkomplu,
Għax mhux billi b'wiċċ devot,
Il-Ministru tak xi ħaġa?
Jew ġie biss biex jiġbor vot?

**Ministru** Le dażgur li ġibt rigali
Anzi, l-akbar, l-aqwa, l-isbaħ!
Jien ma ġejtx hawn għal ftit voti
Iżda biex naraha tifraħ![2]

Għax iż-żwieġ huwa ïmħabba;
Dak valur ferm importanti!
Għalhekk jiena dejjem nisħaq…

**Rita Lina** Ejj'aqlagħha x'int tedjanti!

**Ministru** Jien nagħtik btala mill-isbaħ
Bl-ikel sħun, u l-ilma biered,
Sigurtà hi garantita:
Għalik biss, sodda l-Ingieret!

*(Joħroġ Marju bis-sodda)*

**Nutar** Prosit! Prosit Onorev'li
Vera dejjem lest biex tgħin!
Fir-rigali ma żżommx idek…

---

2 'naraha' tinqara 'naraħħa', pronunzja komuni minkejja li skorretta.

**Rita Lina** Ġeneruż bi flus l-oħrajn!

**Marju** Jien ukoll ġibtlek xi ħaġa
Biex inferrħek f'dil-ġurnata:
Ilni x-xhur niġbor il-fliexken
Biex naħdimlek din l-arkata.

*(Joħorġu bl-ark magħmul mill-fliexken tal-plastik)*

Kont nistenna fejn xi magna
Moħbi wara xi qasrija
U min jiġi ïntih qatgħa,
U l-fliexken koll'għalija!

Allavolja, biex ngħid kollox
Ma tantx kell'għalfejn nissara,
Ħafna drabi jħallu l-fliexken,
Għax mhux ħlief jieqfu bil-ħsara.

**Nutar** Jien ma rridx inħassar festi
Iżda qed isir il-ħin…

**Għarusa** Tinkwetawx, iddawwar naqra
Mhux aħjar ngħaddu għaż-żfin?

**Valerie** Oh my God, we need a DJ
And Tenishia's not available
Marju! Marju! Can you save me?
Taf itħaddem it-turn table?

**Marju** Mela Madam! Jien ninqala'
Biex indawwar tnejn b'subgħajja
Naqra spinning, naqra scratching
U ïnżeffnek sakemm tagħja.

**Nutar** Jiena ċert li bħala DJ
Għandek repertorju vast
Mhux aħjar li flok tinqala'
Naraw x'joffri ïs-surmast?

## RIMA 7

Il-poplu ġeneruż
Il-poplu hu kuntent
Bil-pappa u l-umpappa
Ma narawx il-falliment.

Tagħmel lil ħadd eroj,
Tħalli lil ħadd jarmik,
Ħobb qalbek, aħseb b'moħħok
Għax l-imħabba taf tagħmik.

**Valerie** Oh my God, I love the banda,
It's so quaint, with those sturmenti[3]
Can I get your business details?
I have lots of riċevimenti.

**Nutar** Newwel waħda biljett lili
Forsi tiġi okkażjoni.

**Ministru** Lili wkoll! Af niġi bżonnhom
Għal xi tip ta' distrazzjoni.

*(In-Nutar jaqra l-biljett tas-Surmast filwaqt li jgħid…)*

**Nutar** U kemm jafu dad-daqqaqa
O xi ġmiel u x'armonija!
Ejja ngħidu prosit kbira
Lis-Surmast Albert Garzia!

*(Kulħadd jiskanta!)*

Stennew waħda! Waqqfu kollox!
Sewwa ħsibt li suspettuż!
Dan mhux vera ïl-maestro!
Dan hu Bertu! Dan l-GĦARUS!

---

[3] Valerie trid tgħid 'strumenti' imma l-Malti tagħha hu kemxejn batut.

**Għarusa** Issa sew, ma nafx ingħidlek,
Għax għajnejja marru lura
Naħseb għandi bżonn nuċċali…

**Rita Lina** Għandek bżonn… xi raxkatura!

**Għarusa** Ħeqq minn wiċċu jidher ismar
U minn ismu, żgur barrani
Forsi nagħrfu aktar ngħaġġel
Jekk niflilu ïl-warrani!

Għidlu jersaq waħda lejja
Uuu miskin jidher beżgħan,

*(L-Għarusa tibda tbagħbas fis-surmast)*

Għalkemm mistħi u ftit sieket
Jidher b'saħħtu u felħan,

Jien ma nafx hux Bertu tiegħi,
Jew jafx jgħanni bl-Ispanjol
Iżda jekk hu lest joħodni
Jien nidħollha l-biċċa xogħol!

Jiena naf li mhux sabiħa
Isbaħ minni ïsib żgur
Iżda jiena lesta nħobbu
U jgħix komdu u sinjur.

Hawn tant kruha ġo did-dinja
Billi kerha, mhux nilmenta.
Iżd'għiduli billi xiħa
Ma ħaqqnix inkun kuntenta?

U mur ara, min hu ħelu
Xorta trab bħali jispiċċa
L-importanti li tgħix ħajtek
Mhux taħliha maqful f'niċċa.

Meľejjew duru madwari
Għax darbtejn insiru tfal.
Iżfnu! Għannu! Iddevertu!
Viva l-jiem tal-Karnival!

## Diska: It-Tieġ ta' Warda Kanta

*(titkanta fuq 'It-Tieġ tan-Neputija')*

Fit-tieġ ta' Warda Kanta
Hi stiednet lil kulħadd
U għalkemm kellha kollox
L-għarus ma tfaċċa qatt!

Iżda ma qatgħetx qalbha
La gergret, lanqas bkiet
Għax hi m'għandhiex bżonn raġel
Biex tgħix ħajja bla inkwiet.

Rit: Hi fetħet ix-xampanja
U l-ikel baqa' ġej.
Ix-xorb baqa' jitferra',
Iż-żfin baqa' għaddej.

Xħin telgħet fuq il-mejda
Kulħadd kien entużjast!
U daret fuq il-banda
U ħadet lis-surmast!

Busu busu, la tistħix!
Busu busu, la tistħix!

Minn meta kienet żgħira
Mill-ewwel indunat
Biex toħroġ fid-dlam ċappa
Jaħbuha fir-ritratt.

Imbagħad saret sinjura
Kulħadd riedha għaż-żwieġ
Kulħadd ried ikellimha
Kulħadd ried jiġi t-tieġ!

Rit: Hi fetħet ix-xampanja
U l-ikel eċċ. eċċ.

Hawn min biex jidher ħelu
Ikollu bżonn l-irtokk
Hawn min biex forsi jogħġbok
Ikollok tieħu grokk

Hi taf li twieldet kerha
Għax dik hi l-verità.
Għax x'hemm isbaħ fil-ħajja
Minn daqsxejn onestà?

Rit: Hi fetħet ix-xampanja
U l-ikel eċċ. eċċ.

*(In-Nutar ikun warrab għal ftit u kulħadd isejjaħlu. Wara ftit joħroġ liebes flokk tal-futbol tan-nazzjonal)*

**Nutar**

In-Nutar qabżitlu ċ-ċinga
B'dawn ir-rimi w dan il-kant
U minflok ser jaqta' xewqtu
U ser jilħaq attakkant!

La tidħqux b'dix-xewqa tiegħi
Għax darbtejn insiru tfal
Għalfejn naħli l-ħin mal-Liġi
Flok ingawdi l-Karnival?

*(Isegwi l-Innu tal-Karnival)*

**TMIEM**

**Kitba**
Ċikku l-Poplu

**Direzzjoni**
Joseph Galea

**ATTURI**

| | |
|---|---|
| Nutar Franġisk de BonBon | Karl Schembri |
| L-Għarusa Warda Kanta | Rachel Micallef |
| Il-Qassis Dun Rokku Bugatti | Sandro Vella |
| Ix-Xufier Joey 'Elvis' Sultana | Nathaniel Galea |
| Il-Konsulent Danny 'it-Thriller' Bonnici | Kevin Spiteri |
| Il-Ministru l-Onorevoli Kurt Agius Micallef | Matthew Balzan |
| L-Infermiera Rita Lina Borg | Christine Francalanza |
| L-Organizzatriċi Valerie Vassallo Vella | Stephanie Sacco |
| Il-Fattiga Marju l-Karus | Fabio Mifsud |

**MUŻIĊISTI**
Albert Garzia
Karl Pullicino
Matthew Vella

**ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI**
Svetlana Camilleri

**ARRANĠAMENTI MUŻIKALI**
Albert Garzia

**PROPS**
Michael Carol Bartolo

**KOSTUMI**
Louie Noir
Marika Zarb

**DISINN TAD-DAWL**
Fabio Mifsud

**IRTOKK**
Make-up by Dea
Deandra Bugeja

**FOTOGRAFIJA**
Dorian Bugeja

**ĦAJR**
Olvin Vella
Thomas Pace

TWIST Media & Entertainment
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
Festivals Malta
Gvern ta' Malta – Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Spazju Kreattiv
Horizons